TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 86/12/GZ

**Francis Cauchi**

**vs**

**Agricultural Co-Operatives Ltd**

Illum 12 ta' Novembru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-21 ta' Marzu, 2012 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mitejn Ewro (€200.00), rappreżentanti l-prezz li huwa hallas ghal 'chainsaw', liema 'chainsaw' kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Kien qed jahdem bic-'chainsaw' meta f'daqqa wahda tali 'chainsaw' waqaf jahdem u ntefa'. Meta r-rikorrent rega' pprova jistartjah, dan baqa' ma jistartjax, ghalhekk huwa ccekja li kien fih petrol bizzejjed u sab li kien ghad fadal petrol. Ghalhekk huwa rega' pprova darbtejn ohra biex jistartjah, izda xorta wahda ma mexxilux. Dak il-hin stess, ir-rikorrent mar bih ghand l-agent, u cioe' s-socjeta' ntimata, u dana peress illi c-'chainsaw' kien ghadu taht garanzija.

Is-socjeta' ntimata informatu illi kienet ser tghaddieh lit-tekniku u tavzah x'ghandu. Meta ghaddew ftit granet, u r-rikorrent baqa' ma sema' xejn minghand is-socjeta' ntimata, huwa cempl lis-socjeta' ntimata fejn gie nformat illi l-problema tac-'chainsaw' kienet illi kienet marritlu l-'piston'. Is-socjeta' ntimata qaltlu wkoll illi ma kienx tort tieghu ghaliex dawn ic-'chainsaws' ibaghtu minn din il-problema. Meta mbaghad, ir-rikorrent staqsa kif kienu ser jibqghu, is-socjeta' ntimata qaltlu illi peress li kienet taghtu discount fuq il-prezz tac-'chainsaw' meta xtrah, allura dan ma kienx kopert bil-garanzija, u b'hekk, l-ghazla li nghatat lir-rikorrent kienet jew li jhallas biex ic-'chainsaw' jissewwa, jew inkella jixtri wiehed gdid ghall-prezz ta' mija u disghin Ewro (€190.00) minnflok mitejn Ewro (€200.00).

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

F'Jannar ta' din is-sena, ir-rikorrent kien mar il-hanut tas-socjeta' ntimata b''chainsaw' bil-hsara. Dan kien biss gimgha qabel ma ghalqet il-garanzija. Is-socjeta' ntimata kienet qaltlu li kienet ser tghaddieh lit-tekniku u ttieh risposta.

Fid-9 ta' Frar 2012, is-socjeta' ntimata kienet cemplet lir-rikorrent fejn informatu li c-'chainsaw' kien thalla bla zejt u li kienu marrulu l-'pistons' (hekk skond it-tekniku), u li ghalhekk, minhabba din ir-raguni, u cioe' li c-'chainsaw' thalla bla zejt, il-garanzija waqghet awtomatikament.

Is-socjeta' ntimata offrietlu 'chainsaw' gdid bi prezz ridott mill-ahhar wiehed. Fit-12 ta' Frar 2012, ir-rikorrent kien rega' mar il-hanut tas-socjeta' ntimata fejn informaha li ma qabilx maghha u li ried jew li c-'chainsaw' jissewwa jew li jinghata 'chainsaw' gdid. Is-socjeta' ntimata regghat ippruvat terga tfehemu rigward in-nullita' tal-garanzija, izda kien kollu ghal xejn.

M'hu veru xejn illi s-socjeta' ntimata qalet lir-rikorrent li dawn ic-'chainsaws' ibaghtu b'dan id-difett, u li kieku kien hekk, ir-rikorrent ma kienx jiehdu lura kwazi sena ezatt wara li xtrah.

M'hu veru xejn li s-socjeta' ntimata qalet lir-rikorrent li ma kienx tort tieghu. Is-socjeta' ntimata kienet qaltlu li c-'chainsaw' thalla bla zejt u li s-socjeta' ntimata ma kenitx responsabbli ghal dan.

Dawn ic-'chainsaws' ilhom jigu mpurtati mis-socjeta' ntimata mill-2005 u qatt ma rrizulta b'xi difett partikolari hlief ghat-tiswijiet normali.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, u zied jghid illi huwa qatt ma kien inghata garanzija minghand is-socjeta' ntimata. Kull ma kienet taghtu meta xtara c-'chainsaw' kienet l-ircevuta, u gie avzat li tali rcevuta kienet il-garanzija.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja ta' l-ircevuta datata 28 ta' Jannar 2011 ghall-ammont ta' sitta u tmenin *Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm86.74), li giet immarkata bhala* Dok.FC; u kopja ta' l-istruzzjonijiet, li giet immarkata bhala Dok.FC2.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, u ziedet tghid illi t-tekniku kien informaha illi c-'chainsaw' kien thalla bla zejt.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-konsiderazzjoni li ma jistax ikun li meta r-rikorrent ilmenta mas-socjeta' ntimata rigwardanti c-'chainsaw' in kwistjoni, il-garanzija kienet ser tiskadi daqs gimgha wara, u dana in vista tal-fatt illi tali garanzija anke sa llum il-gurnata ghadha fis-sehh, stante illi t-terminu ta' sentejn ghadu qed jiddekorri. Dana qed jinghad apparti mill-fatt illi s-socjeta' ntimata qatt ma forniet ir-rikorrent b'dokument li kien jindika t-termini u l-kondizzjonijiet ta' l-istess garanzija, u ghalhekk l-istess socjeta' ntimata ma tistax issa tirrileva illi c-'chainsaw' in kwistjoni ntuza b'mod li mar kontra tali kondizzjonijiet li qatt ma kienu in ezistenza. It-Tribunal jinnota wkoll illi ma ngabet l-ebda prova rigwardanti l-konkluzjonijiet tat-tekniku. Illi ghalhekk, it-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lis-socjeta' ntimata taghmel kull xoghol ta' tiswija li hemm bzonn fuq ic-'chainsaw' in kwistjoni, u dana a spejjez ta' l-istess socjeta' ntimata, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**